MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**GABRIELLA VELLA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2011

Avviz Numru. 301/2011

**HSBC Bank Malta p.l.c. (C-3177)**

**Vs**

**Raymond Sammut (I.D. Card Nru. 59262M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikorsipprezentat mis-socjetà HSBC Bank Malta p.l.c. fil-31 ta' Awissu 2011, permezz ta' liema titlob li l-Qorti, prevja kull dikjarazzjoni u provvediment opportun, tawtorizzaha tghaddi ghall-esekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv taghha kontra Raymond Sammut, nascenti minn kuntratt ta' self fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 12 ta' April 1984, Dok. "HSBC1" anness mar-Rikors, bis-sahha ta' liema l-istess Raymond Sammut sar debitur taghha, stante li ghaddew izjed minn tlett snin mid-data ta' l-istess kuntratt u li d-dejn ghadu ma huwiex saldat kollu, u dan ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat illi l-kontenut tar-Rikorsipprezentat mis-socjetà HSBC Bank Malta p.l.c. gie ikkonfermat bil-gurament mill-Prokuratur Legali Catherine Fenech;

Rat il-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 5 ta' April 1984, anness mar-Rikors a fol. 2 sa' 9 tal-process;

Rat ir-Risposta ta' Raymond Sammut permezz ta' liema jilqa' ghat-talba tas-socjetà HSBC Bank Malta p.l.c. bl-affermazzjoni li *l-ammont li ghad fadal jithallas huwa minimali u ghadu ma thallasx s'issa peress li prezentement hemm problemi matrimonjali bejn l-intimat Raymond Sammut u martu Maria Dolores Sammut u f'dan is-sens ir-Rikors ma setax* [jigi pprezentat] *kontra Raymond Sammut biss izda wkoll kontra l-imsemmija peress li din hija d-dar matrimonjali u nxtrat fiz-zwieg bejniethom*;

Rat ir-rendikont aggornat tal-kont ta' Raymond Sammut mas-socjetà HSBC Bank Malta p.l.c. ipprezentat mill-istess socjetà fl-10 ta' Ottubru 2011, fol. 16 sa' 26 tal-process;

Rat illi waqt is-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011 id-difensuri tal-partijiet kontendenti ddikjaraw li jirrimettu ruhhom ghall-atti processwali u li r-Rikors thalla ghad-Digriet;
Rat l-atti l-ohra tar-Rikors;

**Ikkunsidrat:**

Bil-procedura odjerna s-socjetà rikorrenti, ai termini ta' dak provdut fl-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta, titlob li tigi awtorizzata tesegwixxi t-titolu ezekuttiv taghha kontra l-intimat nascenti minn kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 5 ta' April 1984, u mhux 12 ta' April 1984 kif erronejament indikat mis-socjetà rikorrenti fir-Rikors taghha, bis-sahha ta' liema l-intimat *inter alia* ikkostitwixxa ruhu veru, cert u likwidu debitur taghha, stante li ghaddew iktar minn tlett snin minn dakinhar li l-

imsemmi titolu ezekuttiv seta' jigi esegwit fil-konfront ta' l-intimat [Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta].

L-intimat jilqa' ghat-talba tas-socjetà rikorrenti billi filwaqt li jirrikonoxxi li ghad hemm bilanc pendenti favur taghha - *l-ammont li ghad fadal jithallas huwa minimali u ghadu ma thallasx s'issa peress li prezentement hemm problemi matrimonjali bejn l-intimat Raymond Sammut u martu Maria Dolores Sammut* – jikkontendi li r-Rikors odjern ma setax jigi pprezentat biss fil-konfront tieghu izda kellu jigi pprezentat ukoll fil-konfront ta' martu Maria Dolores Sammut stante li *din hija d-dar matrimonjali u nxtrat fiz-zwieg bejniethom*.

Il-procedura istitwita ai termini ta' l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta hija regolata bi principji guridici ben definiti li ormai jinsab stabbiliti u affermati fis-sistema guridika nostrali.

Mill-gurisprudenza nostrali in effetti jirrizulta li *f'kawza ta' din ix-xorta r-rikorrenti ma jkunx qed jitlob kanonizzazzjoni mill-gdid tal-kreditu tieghu izda biss awtorizzazzjoni biex jezegwixxi t-titolu ezekuttiv già kanonizzat bis-sentenza precedenti* [fil-kaz in ezami bil-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 5 ta' April 1984][1]. B'hekk id-debitur intimat ma jistax jithalla jissolleva eccezzjonijiet fil-mertu ghaliex altrimenti l-Qorti tkun qed tiftah il-bieb ghall-abbuzi fis-sens li d-debitur intimat jinghata l-opportunità li jtawwal il-proceduri kontrih[2]. L-unika konsiderazzjoni li ghandha taghti l-Qorti f'procedura bhal din hi biss dwar l-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv. Trid taccerta ruhha dwar l-ezistenza tat-titolu ezekuttiv, li ghadda t-terminu prefiss fil-Ligi minn meta dak it-titolu seta' jigi esegwit kontra d-debitur intimat, li x-xorta tad-dejn u l-fatt li l-istess ghadu pendenti jigu kkonfermati bil-gurament mill-kreditur jew rapprezentant tieghu u li tordna l-ezekuzzjoni tat-titolu biss ghall-ammont kanonizzat li jkun ghadu ma thallasx. Fi

---

[1] John Portelli noe v. Henry Azzopardi pro et noe, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fid-29 ta' Mejju 1997 u George Pace v. Charles Gauci, Citaz. Nru. 665/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 2004.

[2] Emmanuele Falzon pro et noe v. Joseph Vella et, deciza mill-Qorti ta' l-Appell fil-5 ta' Ottubru 1988 u u George Pace v. Charles Gauci, Citaz. Nru. 665/97 deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-24 ta' Novembru 2004.

kwalunkwe kaz jekk id-debitur intimat jissolleva kontestazzjoni bhal ad ezepmju l-pagament, l-oneru tal-prova jinkombi fuqu[3].

Ghalkemm l-osservazzjoni iktar milli kontestazzjoni sollevata mill-intimat fil-kaz in ezami ma hijiex eccezzjoni fil-mertu, il-Qorti hi tal-fehma li l-istess ma ghandhiex tigi kkunsidrata ghaliex tmur oltre l-iskop tal-procedura istitwita mis-socjetà rikorrenti u l-indagini dwarha necessarjament ittawwal il-procedura in kwistjoni, dilungar li kif già osservat, ma huwiex guridikament permess u possibbli fil-kuntest ta' tali procedura.

Apparte minn dan il-fatt, minkejja l-affermazzjoni avvanzata mill-intimat huwa ma ressaq ebda prova in sostenn ta' l-istess u dana minkejja l-fatt li nzammu zewg seduti quddiem din il-Qorti, senjatament fl-10 ta' Ottubru 2011 u fl-10 ta' Novembru 2011. L-intimat mhux talli ma ressaq ebda prova in sostenn ta' dak minnu affermat talli fis-seduta ta' l-10 ta' Novembru 2011 irrimetta ruhu ghall-atti processwali.

Ezaminati l-atti processwali jirrizulta li: (i) bis-sahha ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 5 ta' April 1984, l-intimat Raymond Sammut *inter alia* ikkostitwixxa ruhu veru, certu u likwidu debitur tal-Lohombus Corporation – illum is-socjetà rikorrenti – versu somma lilu mislufa kemm bis-sahha ta' dak l-istess att kif ukoll precedentement, u obbliga ruhu li jirrestitwixxi l-ammont misluf b'pagamenti rateali fix-xahar, liema pagamenti jinkludu l-imghax; (ii) dan il-kuntratt jikkostitwixxi ai termini tal-Ligi titolu ezekuttiv tas-socjetà rikorrenti fil-konfront ta' l-intimat[4]; (iii) ghaddew iktar minn tlett snin minn meta ai termini tal-Ligi s-socjetà rikorrenti setghet tesegwixxi dan it-titolu ezekuttiv fil-konfront ta' l-intimat[5]; (iv) illum hemm bilanc dovut mill-intimat lis-

---

[3] Joseph Perici Calascione v. Mario Fenech, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-12 ta' Dicembru 2000, Carmelo Borg v. Rosaria Vella, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fil-31 ta' Mejju 2000, u HSBC Bank Malta p.l.c. v. John Dalli et, Rikors Nru. 2694/1999, deciza mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili fit-18 ta' April 2002.
[4] Art. 253(b) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.
[5] Artikolu 256 u Artikolu 258(c) tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta' Malta.

socjetà rikorrenti kif jirrizulta minn rendikont aggornat sa’ l-10 ta’ Ottubru 2011, esebit mis-socjetà rikorrenti; u li (iii) il-kontenut tar-Rikors promotur, li juri x-xorta tad-dejn u jippremetti li l-istess ghadu dovut, gie debitament ikkonfermat bil-gurament mir-rapprezentant tas-socjetà Rikorrenti l-Prokuratur Legali Catherine Fenech.

Ghaldaqstant jirrizulta li t-talba tas-socjetà rikorrenti hija gustifikata u tisthoqq li tigi milqugha.

Ghal kull buon fini l-Qorti tosserva li ghalkemm fir-Rikors promotur is-socjetà rikorrenti erronejament tindika d-data tal-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono bhala it-12 ta’ April 1984 flok il-5 ta’ April 1984, ma ghandux ikun hemm ostakolu biex it-talba taghha tigi milqugha partikolarment meta l-intimat jirrikonoxxi li ghad hemm ammont dovut lis-socjetà rikorrenti.

Ghal dawn ir-ragunijiet il-Qorti tilqa’ t-talba tas-socjetà rikorrenti u ai termini ta’ l-Artikolu 258 tal-Kap.12 tal-Ligijiet ta’ Malta tawtorizzaha tesegwixxi kontra l-intimat it-titolu ezekuttiv taghha fil-konfront tieghu kif nascenti mill-kuntratt fl-atti tan-Nutar Dottor John Debono datat 5 ta’ April 1984. L-ispejjez ta’ dawn il-proceduri jibqghu a karigu ta’ l-intimat.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------